Minuti tal-laqgħa sitta u għoxrin (26), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Erbgħa, 21 ta' Jannar 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku, s-Sur Saviour Borg u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa ħamsa u għoxrin (25) ġew approvati kif preżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Mill-Minuti*

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li:

2.2 Inħarġu il-kwotazzjonijiet għal *accountant* li jagħlqu fil-20 ta' Frar 2015.

2.3 Rigward iċ-Ċentru Ċiviku l-Avukat Jean Paul Grech wara l-qbil tal-Kunsill rigward l-inkambju tal-fond bagħat korrispondenza lil Dr Mireille Sacco, l-Avukat tad-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex tindikalu x'inhi l-pożizzjoni tad-Dipartiment jekk isir il-ftehim mas-Sur Anthony Cassar dwar fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn.

2.4 Saret l-applikazzjoni għal l-Iskema Inizjattivi ta' Attivitajiet. Is-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina baghtet emejl lil Kunsill sabiex jibdel id-data ta' l-attivita' peress li dak in-nhar ser ikun hemm żewġ attivitajiet oħra mill-Kunsill tax-Xewkija u tax-Xagħra. Is-Seg. Eżekuttiv


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

irrispondietha illi l-Kunsill tal-Fontana ma jistax jibdel id-data peress li dan il-Festival irid isir is-Sibt, 13 ta' Ġunju lejliet il-Festa tal-Qalb ta' Gesu' bħal ma sar fl-2012.

2.5 Memo 30/2014 – Spazji miftuħa, inbtagħtet l-applikazzjoni lid-Dipartiment. Id-Dipartiment ġie infurmat illi l-ewwel żewġ preferenzi huma l-kisi tal-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku bil-ġebla tal-qawwi biex jinħoloq spazju miftuħ bejn iz-zuntier u l-*playing field* u l-kisi ta' l-isqaq tal-Mitħna ta' Randu bil-*porfido* u l-għamara tat-Triq.

2.6 Rigward it-trinka li kienet saret mill-WSC ħdejn il-*belvedere* fi Triq ta' Mulejja u li reġgħet inqalgħet peress li l-kisi ma sarx sew, issa ġiet miksija bit-tarmac kif suppost mill-WSC.

2.7 Twaħħlu tlett tabelli tan-*no parking* fuq l-*yellow line* fi Triq Wied Siekel li nxtraw mill-Kunsill Lokali. Is-Sur Micallef ħa ħsieb li jsir it-twaħħil tagħhom peress li hu responsabbli minnhom fis-Segretarjat tal-Ministeru għal Għawdex.

2.8 L-*iscafolding* ta' man-niċċa tal-kunċizzjoni intlaqat minn trakk. Il-kuntrattur Joe Grima informa lis-Seg. Eżekuttiv li ma jridx jerġa jarma l-*iscafolding* izda qal li xorta ser jibgħat l-*invoice* ta' €265 skond il-ftehim li sar miegħu xi xagħrejn qabel. Is-Sindku informa lil membri li l-Kunsill għadu qed jistenna mill-MEPA kif ser tinżebgħa l-istatwa u l-*method statement* tan-niċċa minn ġewwa. Informa lil Kunsilliera illi l-gwernic qiegħed għand George Attard il-mastrudaxxa biex jirranġah u jagħmel ħġieġa sħiħa peress li dik eżistenti hija maqtugħa biċċiet. Is-Sur Micallef qal li hemm bżonn li jitneħħa l-pedestal tan-niċċa għax issa mingħajr *scafolding* jista' jinsteraq. Is-Sindku qal li kemm il-darba inġibdet l-attenzjoni ta' Raymond Bonello biex jagħmel dan.

2.9 L-*website* tal-Kunsill ġiet aġġornata. Is-Sur Micallef ġibed l-attenzjoni illi l-parti ta' l-ingliż tal-*website* għadha mhix aġġornata. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat illi tal-malti hi aġġornata. Il-membri qablu illi għandhom jitolbu s-CMS tal-*website* lil OS3 sabiex il-*website* tiġi aġġornata mis-Seg. Eżekuttiv stess. Jekk il-Kunsill ma jingħatawlux ir-*rights* il-membri qablu li għandhom jibdlu s-servizz ta' l-OS3 u jmorru ma *website provider* ieħor.

2.10 Reġgħet saret l-applikazzjoni ma' l-Enemalta għal għoti ta' dawl għaż-żewġ fanali fi Triq il-Għajn.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.11 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi l-Av. Jean Paul Grech kiteb għan-nom tal-Kunsill lil Av. Cynthia Galea, l-Avukat ta' Amanda Abela, l-Ex Aġent Seg. Eżekuttiv, fejn talab sabiex tagħti elenku dettaljat tax-xogħol u s-siegħat li talbet għalihom Amanda Abela, tibgħat ukoll kopja tal-korrispondenza li intbagħtu minnha fl-istess perjodu li qegħda tirreklama l-ħlas, u kif ukoll tipprovdi kalkolu dwar kif s-Sinjura Abela waslet għall-ammont reklamat minnha, inkluż ukoll li tindika r-rata ta' ħlas li biha hija ikkalkulat l-ammont indikat fl-ittra tagħha.

3. Mozzjonijiet

3.1 Mozzjoni Nru 8 – Nitlob l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex il-Kunsill japplika għal Memo 5/2014 rigward Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Streaming ta' Laqgħat Online.
Mozzjoni imressqa mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Horace Micallef.
Inqrat il-Mozzjoni u ġiet approvata.

4. *Performance Bonus* tas-Seg. Eżekuttiv u l-Ex Aġent Seg. Eżekuttiv

4.1 Is-Sindku qara l-*performance bonus appraisal* tas-Seg. Eżekuttiv. Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament illi tingħata 10%.

4.2 Is-Sindku qara l-*performance bonus appraisal* ta' l-Ex Aġent Seg. Eżekuttiv. Wara diskussjoni l-Viċi Sindku, s-Sur Farrugia u s-Sur Mercieca proponew li tingħata 7% waqt li s-Sur Micallef u s-Sindku iproponew illi s-Sinjura Abela tingħata 6%. Għal dan il-għan is-Sinjura Abela ser tingħata 7% billi ġew tlieta kontra tnejn.

5. Għoti ta' l-offerta ta' l-*online streaming*

5.1 Infetħu l-offerti ta' l-*online streaming* nhar is-7 ta' Jannar 2015 fil-preżenza tas-Sindku, s-Seg. Eżekuttiv u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia. Kien hemm 2 offerti dik ta' Paul Portelli għal prezz ta' €4,180 u ta' AID Ltd €2,175. Kopja ta' l-offerti intbagħtu lil Eng. Mario Galea għal evalwazzjoni. Skond ir-rapport ta' evalwazzjoni AID Ltd kienet l-irħas offerta iżda l-offerant irid jagħmel *statement* li jikkonferma li l-instalazzjoni ser tkun tammonta għal €2,175 peress li t-total kien ħażin. Il-membri qablu li l-offerta tiġi mogħtija lil AID Ltd. Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill ikollu xi ħsara, dawn għandhomx xi rappreżentant Għawdex. Is-Sindku qal li l-offerant għandu jara li jagħti s-servizz skond kif hemm fl-offerta.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

6. Applikazzjoni għal Proġetti Kapitali

6.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Kunsill jista' japplika għal proġetti kapitali sal-Ġimgħa, 31 ta' Jannar 2015. Is-Sindku spjega lil preżenti illi wara laqgħa li attenda mas-Seg. Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tan-Nadur ma' l-Onor Stefan Buontempo ġew infurmati li hemm fond ta' miljun ewro li jrid jitqassam bejn il-Kunsilli għal proġetti kapitali. Din l-iskema ser tibqa fis-seħħ sal-2018. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika għat-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku. Il-membri qablu wkoll li l-Kunsill japplika ukoll għal kisi ta' l-isqaq quddiem il-Mitħna ta' Randu.

7. Korrispondenza

7.1 Ġie ffirmat il-kuntratt mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv mal-POYC Unit rigward is-servizz tas-Celiac, liema servizz ser jibda' jingħata mill-Kunsill.

7.2 Memo 3/2015 – Devoluzzjoni ta' Siti u Proprjeta' Pubblika lil Kunsilli Lokali fejn kull Kunsill għandu jistenna li jikseb l-approvazzjoni bil-miktub mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali qabel ma jiġi ffirmat xi ftehim tal-kiri ta' xi sit ta' proprjeta' pubblika li jkun kiseb il-Kunsill. Is-Sindku qal li xi snin ilu l-Kunsill kien talab għad-Devoluzzjoni ta' l-Għejjun iżda din għadha pendenti għalhekk il-Kunsill qabel li jkompli jitlob. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu wkoll japplika għad-devoluzzjoni tax-xelter ta' quddiem il-Knisja, kif kien ġie approvat f'mozzjoni għal dan il-għan.

7.3 Ittra minngħand Visage fejn talab li ssir *un/loading bay* fejn il-bini tagħhom fi Triq l-Isptar San Giljan. Il-membri qablu li għandha tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

7.4 Il-Kunsill irċieva l-*management* letter minngħand l-Awdituri tal-Kunsill rigward l-*interim* audits fejn inġibdet l-attenzjoni fuq diversi punti. Is-Seg. Eżekuttiv ser titkellem ma' l-*acountant* tal-Kunsill sabiex jieħdu azzjoni fuq il-punti u rakomandazzjonijiet ta' l-awditur sabiex dawn ma jerġgħux jiġru.

7.5 Intbgħat mill-Green MT biex jiġi ffirmat ftehim ta' kuntratt mal-Kunsill peress li l-kuntratt preċedenti skada f'Marzu 2012. L-Avukat Jean Paul Grech idraftja ittra lil Green MT ta' kif ser tintbgħat u dan sabiex jagħti



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

l-ammont dovut lil Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv qrat l-ittra lil preżenti u l-membri qablu li din għandha tintbgħat lil Green MT. Is-Sindku qal li bil-kuntratt il-ġdid l-Green MT ser joffru biss is-somma ta' €250 għal kull attivita' flok €500 kif kienet qabel. Is-Sur Micallef qal li jekk l-Green MT ma jħallsux l-ammont dovut, il-Kunsill għandu jikkunsidra li jiffirma l-kuntratt jew le u jintalab lil Greenpak jibgħatu l-proposta tagħhom lil Kunsill. Il-membri qablu li l-ewwel il-Kunsill jistenna mill-Green MT rigward l-ittra ta' l-Avukat imbagħad il-Kunsill jimxi minn hemm. Is-Sindku talab lil Avukat Jean Paul Grech ikellem lil Paul Abela, d-Direttur tal-kumpanija Green MT f'dan ir-rigward. Is-Sur Joe Attard tal-Green MT bagħat emejl lil Kunsill fejn informa li fit-28 ta' Jannar 2015 ser jgħaddi €1230 lil Kunsill. Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv ser jiltaqgħu miegħu biex jiġbru dawn il-flus.

8. Approvazzjoni ta' Kontijiet

8.1 Skeda Nru 22 tal-ħlasijiet ġew approvati u ffirmati mill-membri tal-Kunsill.

9. Materji Oħra

*Mis-Sindku*

9.1 Talba għal kiri tas-Sala tal-Kommunita' mill-Kummissarju Elettorali għar-*referendum* li ser issir f'April 2015 għal prezz ta' €300. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jinforma lil Kummissjoni Elettorali sabiex ma jkissru xejn peress li d-darba l-oħra kissru globu. Is-Sur Mercieca qal ukoll li għandna ninfurmawhom sabiex ma jwaħħlu xejn mal-ħajt bit-*tape* għax tinqala' ż-żebgħa. Il-membri qablu.

9.2 Is-Sindku nforma lil preżenti li ta' l-*ischammel* ħalla xi żibel fl-art quddiem Sqaq l-Andar peress li tqettgħet il-borża. Dan baqa' fl-art mingħajr ma nġabar. Is-Sur Mercieca qal li għandha tinġibed l-attenzjoni lil kuntrattur sabiex ma jibdiex jiġbor l-iskart qabel id-9.00 ta' fil-għodu u dan biex jibqa' jonora l-kuntratt. Is-Sur Micallef qal ukoll li għandha tinġibed l-attenzjoni għax darba l-iskart dam jumejn ma jinġabar minn Triq is-Sajjieda. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-kuntrattur kien ġab kopja tal-ktieb tax-xogħol ta' ħaddiem wieħed wara talba li saret lilu mill-Kunsill.

9.3 Biex teħel tabella tal-*Cul de Sac* fil-bidu ta' Triq Kardinal Alessandro Franchi peress li dik li hemm imwaħħla qdiemet. Il-Kunsill qabel.

9.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-arbli taż-*zebra crossing* fi Triq Kappillan G. Hili xi ħadd żebgħahom roża/*off white* minflok abjad. Il-membri qablu li għandhom jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill jerġgħu jiżbħuhom kif suppost.

9.5 Tabella tan-*no entry for motorcycles* fi Triq Wied Siekel tqaxxret. Il-membri qablu li għandha ssir oħra ġdida flokha u titwaħħal oħra fil-parti t'isfel tal-wied peress li hija nieqsa. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jerġa jwaħħal l-*bollard* tan-naħħa ta' fuq tal-Wied peress li qed jgħaddu l-karozzi. Il-membri qablu.

9.6 Is-Sindku nforma lil preżenti li hemm tabella matna tan-*no parking* fil-bidu ta' Triq ix-Xlendi l-isfel miż-żebra crossing il-ġdida. Is-Sur Micallef informa lil preżenti li ser jibgħat ħaddiema mill-Ministeru għal Għawdex peress li hija triq arterja. Il-membri qablu.

9.7 Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob lil Ministru għal Għawdex biex ssir mill-ġdid bit-*tarmac* Triq l-Isptar San Giljan peress li hi triq li taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali. Is-Sur Micallef qal li hemm pjan li din issir iżda xorta importanti li l-Kunsill jikteb lil Ministeru bit-talba tiegħu. Is-Sindku qal li t-*tarmac* li fiha din it-triq ilu minn Diċembru tal-1977. Fin-naħa t'isfel ta' din it-triq hemm parti li saret mill-ġdid mill-WSC fuq insistenza tal-Kunsill wara li sar *main* ġdid tad-drenaġġ fl-2011.

9.8 Fl-okkażżjoni tal-Milied sar it-tqassim ta' l-ikla tal-Milied lil 25 anzjan li jgħixu waħedhom. It-tqassim ta' dawn il-25 ikla sar f'Jum il-Milied mis-Sindku, is-Seg. Eżekuttiv u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

9.9 Ġie ippublikat u mqassam lir-residenti d-dsatax il-edizzjoni tal-fuljett *Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek.* Dan ġie ppreparat mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.

9.10 Is-Seg. Eżekuttiv qed tattendi għal kors organizzat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li parti minnu iffinanzjat mill-EU fuq *Diploma (MQF Level 5) in Public Management & Governance at Local Level.*

9.11 Is-Sindku propona sabiex issir ħarġa soċjo-kulturali f'Malta għar-residenti fl-10 ta' Frar 2015 fejn imorru mal-vapur tas-1.00pm. F'din il-mawra iżuru l-Aquarium (li d-dħul jitħallas mir-resident stess) u wara jmorru l-Festa ta' San Pawl fejn jaraw l-ħruġ tal-purċissjoni. Il-



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

membri qablu ma dan u s-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekja xi prezz tista' ġġib għad-dħul ġo l-Aquariumm billi jkun grupp.

9.12 Saret il-laqgħa tal-lokalita' skond kif mitlub fil-liġi qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku ta' spjegazzjoni dettaljata tax-xogħol li twettaq matul il-sena. Għal din il-laqgħa attendiet persuna waħda.

9.13 Bħala parti mill-attivitajiet imtella' b'risq l-istrina, l-E.T. President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca fil-21 ta' Diċembru 2014 żaret il-lokalita' tal-Fontana, fejn fis-sala tal-komunita' ġiet imtella' attivita' b'diversi talenti. Waqt din iż-żjara s-Sindku preżenta ċekk bil-fondi miġbura mill-lokalita'. Kienu preżenti l-Kunsilliera Horace Micallef, Carmel Farrugia, Mario Mercieca, is-Seg. Eżekuttiv, l-iskrivana u bosta residenti. Waqt din is-serata ġew preżentati bukkett fjuri mill-iskrivana tal-Kunsill u replika tal-Għajn il-Kbira mis-Sindku lil E.T President ta' Malta. Saret ukoll donazzjoni mill-*Chorus Urbanus* u *Zammit Aluminium*. Is-Sindku, f'isem il-Kunsill irringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex din l-attivita' tkun suċċess.

*Mill-Viċi Sindku*

9.14 Ġie avviċinat mill-għalliema ta' l-Eco Gozo sabiex jagħmlu *lectures* lit-tfal fix-xelter ta' Pjazza l-Għejjun. Is-Sindku nfurmah illi d-dawl mhux problema peress li kien ġie irranġat u jinxtegħel mix-xelter stess. Il-membri qablu.

*Mis-Sur Horace Micallef*

9.15 Propona sabiex tnejn mill-*bins* l-ġodda li l-Kunsill kien irċieva mill-Green MT jitpoġġew fil-*playing field* minflok dawk li hemm. Il-membri qablu.

9.16 Is-Sur Micallef staqsa kemm tinkera s-sala għal riċeviment. Is-Sindku nfurmah li din tinkera €100 skond il-*bye law* li approva l-Kunsill preċedenti.

9.17 Talab sabiex jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn. Il-membri qablu.

9.18 Is-Sur Micallef informa lil Kunsill li residenta fi Triq ta' Mulejja talbet għal *disabled bay* quddiem id-dar tagħha 'Ausbira'. Il-membri qablu li r-residenza għandha timla' l-formola. Il-membri qablu ma din iżda trid tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.19 Is-Sur Micallef informa lil preżenti li tal-WSC kissru xi madum fi Trejqet ir-Razzett. Is-Sur Micallef qal li ser jibgħat xi ħaddiema minn naħa tal-Ministeru isewwu l-madum.

*Mis-Sur Mario Mercieca*

9.20 Propona li ssir *zebra crossing* ġdida fil-bidu ta' Triq Kapillan Hili lejn il-kantuniera jiġifieri qrib Triq il-Għajn peress li ż-*zebra crossing* l-oħra imbedgħa ħafna. Is-Sindku nforma lil preżenti li z-*zebra crossing* trid tkun tletin pied il-bogħod mill-kantuniera. Il-membri qablu ma dan u l-Perit għandu jħejji l-pjanti neċessarji sabiex jintalab il-permess ta' Transport Malta u ssir ukoll talba għal *zebra crossing* fejn il-Kunsill l-antik.

9.21 Is-Sur Mercieca staqsa x'inhu jagħmel il-Kunsill minħabba t-tindif ta' l-uffiċċju. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi qed tqabbad wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill inaddaf l-uffiċċju u s-sala.

10. Aġġornament tal-Laqgħa

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal Ħamis, 26 ta' Frar 2015 fil-5.30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.05 ta' fil-għaxija.

f/ Saviour Borg Victor Cefai
Sindku Vici Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555